MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2011

Citazzjoni Numru. 781/2010

**Av. Philip Manduca bhala mandatarju specjali tas-socjeta` PUMA AG Rudolf Dassler Sport.**

**vs.**

**Dr. Joseph Ellis u l-Prokuratur Legali Luisa Tufigno li b'digriet tat-13 ta' Settembru 2010 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lil Sarl Bit Cheikh Imp-Exp.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat tal-attur *nomine* datat 2 ta' Awwissu 2010 a fol 1 tal-process fejn espona: -

Illi s-socjeta` attrici hi proprjetarja tal-marka "PUMA" registrat f'Malta bin-numru 13091 u tal-marka "Cat"

registrat f'Malta bin-nuinru 13092 Illi dan l-ahhar l-konvenut ikkontravjena t-*trademark* in kwistjoni billi uza sinjal identiku mat-*trademark* ghar-rigward ta' oggett li huwa identici ma' dawk li dwarhom it-*trademark* tas-socjeta` attrici giet registrata u dan billi gab f'Malta kwantita` ta' malji tal-ghawm bil-marki ta' "Puma" liema oggetti mhumiex modelli tas-socjeta` attrici u ghandhom "*clear cut infingements of PUMA trademarks"* inkluz "*wrong size label"* u *"wrong packaging"* u *"fake security label".*

Illi ghalhekk l-konvenut ikkaguna danni lis-socjeta` attrici.

Illi ghalhekk hemm lok li jsir il-qerda tal-oggetti fil-pussess u/jew spaccjati u jew prodotti u jew importati f'Malta mill-konvenut bil-marka proprjeta` tas-societa` attrici u dan kif provdut fl-**artikolu 15 ta' L-Att dwar it-*Trademarks* u l-att tmienja tas-sena 2000 Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta' Malta (EC 1383/2003).**

Illi ghalhekk l-istess socjeta` attrici talbet lis-socjeta` konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara li l-konvenut ikkontravjena t-*trademark* jew *trademarks* proprieta` tas-socjeta` attrici u l-**Att tmienja (8) tas-sena 2000 Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta' Malta** u b'hekk ikkaguna danni lis-socjeta` attrici.

2. Tordna l-qerda tal-oggetti spaccjati u/jew prodotti u jew migjuba f'Malta fil-*container* CMAU5287860 mill-konvenut bit-*trademark/s* tas-socjeta` attrici.

Bl-ispejjes presentati kontestwalment kontra l-konvenut li hu ingunt ghas-subizzjoni. B'riserva ghal azzjoni ta' danni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti a fol. 2 sa 5 tal-process.

Rat id-digriet datat 13 ta' Settembru 2010 fejn gew nominati l-kuraturi deputati sabiex jidhru ghall-entita` intimata.

Rat li dan ir-rikors giet appuntat ghas-smigh ghas-seduta tas-7 ta' Dicembru 2010, b'dan illi l-Qorti ordnat lis-socjeta` attrici sabiex sa zmien tletin (30) gurnata minn dak inhar stess tipprezenta l-affidavits taghha u tax-xhieda minnha ndikati, li jistghu jsiru bil-procedura tal-affidavit, bid-dokumenti kollha relattivi, bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensuri tal-kontro-parti u b'riserva ta' kontro-ezami.

Rat in-nota tar-rikorrent Dr. Philip Manduca datata 3 ta' Novembru 2010 li permezz taghha esebixxa zewg affidavits konsistenti f'dak ta' Neil Narriman (Dok "NN") u George Agius (Dok "D").

Rat li r-risposta guramentata tal-kuraturi deputati datata 22 ta' Novembru 2010 (fol. 20) fejn eccepew:-

1. Illi huma fil-kwalita` taghhom ta' kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lis-socejta` estera "Sarl Bit Cheikh Imp-Exp", m'humiex presentament edotti mill-fatti li taw lok ghal din l-kawza u ghaldaqstant, jirriservaw illi jdahlu eccezzjonijiet ulterjuri aktar 'il quddiem.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-lista ta' xhieda tal-istess kuraturi a fol. 20 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fis-7 ta' Dicembru 2010 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Philip Manduca ghas-socjeta` attrici *nomine* li ddikjara m' ghandux provi iktar. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta' Jannar 2011.

Rat ix-xhieda kollha prodotta.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fit-2 ta' Lulju 2010 fil-kontejner Numru CMAU 5287860 waqt spezzjoni mill-Ufficjali tad-Dwana nstab li kien hemm kaxxi li fihom kien hemm kwantita' ta' zraben sportivi b'diversi markji, liema oggetti kien hemm suspett li kienu kontrafatti u allura gew mizmuma mill-istess Awtoritajiet tad-Dwana. Fil-fatt minn ezamijiet li saru wara mis-socjeta' attrici rrizulta li tali zraben kienu foloz. Konsegwenti ghal dan id-drittijiet tas-socjeta' attrici fuq l-istess marka gew pregudikati u lesi. Dan jinsab konfermat mix-xhieda tal-Ufficjal tad-Dwana George Agius (fl-affidavit a fol. 17) u mid-dokumenti kollha l-ohra esebiti, u fil-fatt l-istess provi ma huma bla ebda mod kontradetti, u ghalhekk it-talbiet attrici qed jigu milqugha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati fir-risposta guramentata taghom datata 23 ta' Settembru 2009 biss in kwantu l-istess huma nkonsistenti ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara li l-konvenut ikkontravjena t-*trademark* jew *trademarks* proprjeta` tas-socjeta` attrici u l-**Att tmienja (8) tas-sena 2000 Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta' Malta** u b'hekk ikkaguna danni lis-socjeta` attrici.

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex a spejjez tas-socjeta'/entita' konvenuta fi zmien qasir u perentorju ta' disghin (90) gurnata mid-data ta' din is-sentenza jiddistruggi l-oggetti spaccjati u/jew prodotti u jew migjuba f'Malta fil-*container* CMAU5287860 mill-konvenut bit-*trademark/s* tas-socjeta` attrici.

Bl-ispejjez kontra l-entita`/socjeta' konvenuta b'dan li l-kuraturi deputati jithallsu skont il-ligi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------